

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1052/2009**tal-5 ta' Novembru 2009****li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-orijini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Makói vöröshagyma jew Makói hagyma (DPO)]**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-orijini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(2) u b'applikazzjoni tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, it-talba mressqa mill-Ungerija għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni "Makói vöröshagyma" jew "Makói hagyma" kienet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾.

- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b'dan hija rreġistrata.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2009.

Għall-Kummissjoni

Mariann FISCHER BOEL

Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

⁽²⁾ ĠU C 70, 24.3.2009, p. 27.

ANNEX

Prodotti agricoli maħsuba għall-konsum mill-bniedem elenkati fl-Anness I tat-Trattat:

Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati

L-UNGHERIJA

Makói vöröshagyma jew Makói hagyma (DPO)
